# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-, 27 ta' Ottubru 2022**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 41/2015 JVC**

**Doris Scerri u Raymond Avallone**

**vs**

**Anna Bianco, Mary Gatt bhala prokuratrici ta' Emanuele Avallone, Gaeatano Avallone u Anthony Avallone u b'digriet tad-19 ta' Frar 2015 giet kjamata in kawza fil-kwalita' personali taghha Mary Gatt kif ukoll gew kjamati fil-kawza t-tfal tal-atturi, u cioe' Sinclair Scerri, Stelvio Scerri, Roann Avallone, Natalie Avallone u Sephora Avallone**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Doris Scerri u Raymond Avallone ikkonfermaw bil-gurament u talbu kif isegwi:

1. 'Premess illi r-rikorrenti Doris Scerri u Raymond Avallone huma ahwa u, flimkien ma l-intimati l-ohra, huma ulied Emanuel u Salvina Avallone li gew nieqsa fit-30 ta' Lulju 2006 u fid-9 ta' Settembru 2012, rispettivament;

2. U billi fil-15 ta' Settembru 2004 b'testment unika charta l-genituri taghhom kienu ddizeridaw u qatxu mill-wirt lit-tfal taghhom Raymond Avallone u Doris Scerri, u anke n-neputijiet taghhom Etienne Avallone iben Emanuel Avallone (junior) u Benvil Scerri bint Doris Scerri ghar-ragunijiet edotti fl-istess testment kopja ta' liema hija hawn annessa bhala **dokument 'A'**;

3. U billi fis-7 ta' Dicembru 2005 b'testment unika charta l-genituri taghhom kienu ddizeridaw u qatxu mill-wirt lit-tfal taghhom Raymond Avallone u Doris Scerri, u anke n-neputijiet taghhom Etienne Avallone iben Emanuel Avallone (junior) u Benvil Scerri bint Doris Scerri ghar-ragunijiet edotti fl-istess testment kopja ta' liema hija hawn annessa bhala **dokument 'B'**;

4. U billi b'testment ulterjuri datat 22 ta' Jannar 2009 insinwat fl-atti tan-Nutar Adriana Vella, id-decujus Salvina Avallone, wara li gie nieqes zewgha uzufruwiet mid-dritt li tvarja t-testment u dana billi ddisponiet minn ammont sostanzjali tal-patrimonju taghha lil intimati Mary Gatt u Anna Bianco u terzi inkluz id-Dar tal-Providenza tas-Siggiewi; Missjoni tal-Kenja immexxia

mill-kunvent tal-Patrijiet tal-Furjana liema testment huwa hawn anness bhala **Dokument 'C'**;

5. U billi b'testment ulterjuri tal-24 ta' Ottubru 2011 fl-atti tan-Nutar Dottor Nicolette Vella d-decujus Avallone filwaqt li zammet ferm it-tesmenti precedenti taghha dikjarat li bintha Anna Bianco kienet hadet il-flus li d-decujus kellha fil-kontijiet taghha ghal beneficcju ta' Anna Bianco stess izda stqarret li dan sar bil-kunsens tad-decujus. Kopja ta dan it-testment hija hawn anness bhala **Dokument D**;

6. U fi kwalsiasi kaz anke jekk it-testmenti jitqiesu validi l-esponenti ghandhom dritt ghal legittima ossia il-porzjoni riservata skont il-ligi;

7. U billi sabiex il-legittima dovut lill-esponenti skond il-ligi jista' jigi stabbilit jehtieg li l-intimati jew min minnhom u partikolarment Anna Bianco u Mary Gatt, jaghtu rendikont shih tal-flus kontanti u l-kontijiet bankarji tal-mibkija Emanuel u Salvina konjugi Avallone li kienu fil-kontroll esklussiv ta' l-intimati;

8. U billi ghalkemm interpellati formalment b'ittra tal-25 ta' Settembru 2014 sabiex jaghtu rendikont lil rikorrenti u jaghtuhom dak li jispetta lilhom skond il-ligi, l-intimati baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Tiddikjara li Salvina u Emanuel konjugi Avallone ma kellhomx raguni valida fil-ligi sabiex jiddezeridaw lil rikorrenti tfal taghhom Doris Scerri u Raymond Avallone;

2. Tiddikjara ghalhekk li r-rikorrenti Doris Scerri u Raymond Avallone ghandhom dritt ghas-sehem riservat ta' l-eredità skond il-ligi;

3. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom kellhom fil-pussess u/jew il-kontroll taghhom u/jew amministraw diversi oggetti mobbli u flus kontanti proprjeta tal-genituri tar-rikorrenti Emanuel u Salvina Avallone;

4. Tordna lill-intimati jew min minnhom jaghtu rendikont tajjeb skond il-ligi ta' l-amministrazzjoni li saret minnhom tal-proprjeta tal-genituri taghhom;

5. Tillikwida l-assi ereditarju tal-genituri tar-rikorrenti bhala li jikkonsisti f'dawk il-beni kollha li jirrizultaw lilhom appartenenti fit-trattazzjoni ta' dina l-kawza nkluz fost hwejjeg ohra l-propjeta li ttrasferew lill-intimati jew min minnhom b'titolu ta' donazzjoni, kemm flus kontanti u kontijiet bankarji li baqghu fil-pussess ta' l-intimati jew min minnhom; u dana okkorrendo bl-ghajnuna ta' esperti mahtura minn dina l-Onorabbli Qorti;

6. Tiddikjara li bid-donazzjonijiet maghmula mid-defunti Salvina u Emanuel Avallone tul hajjithom lill-intimati jew min minnhom, l-istess ecceddew il-porzjoni li setghu jiddisponu skond il-ligi;

7. Konsegwentement tordna sa fejn huwa applikabbli l-kollazzjoni billi jigu nkluzi fl-komputazzjonijiet id-donazzjonijiet ta' l-assi mobbli u mmobbli li inghata l-intimati jew min minnhom;

8. Tillikwida ghalhekk is-sehem dovut bhala legittima jew il-porzjoni rizervat spettanti lil rikorrenti mill-assi ereditarji tal-mejtin Salvina u Emanuel Avallone skond il-kaz;

9. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju fissat minn dina l-Onorabbli Qorti jhalsu u jaghtu dak dovut lill-rikorrenti bl-imghax skond il-ligi mid-data ta' l-ittra ufficjali li gew interpellati sabiex jillikwidaw il-legittima sad-data tal-pagament effettiv.

10. Tordna okkorrendo l-pubblikazzjoni tad-debita att b'liema tigi mhallsa l-leggitima u tinnomina ghal dak il-ghan nutar pubbliku, u tiffissa d-data, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt opportun u kuraturi sabiex jirraprezentaw l-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez inkluz ta' l-ittra ufficjali numru 3164/14 (tas-7 t'Ottubru 2014) u l-ingunzjoni in subizzjoni ta' l-intimati.'

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimati Mary Gatt kemm f'isimha proprju kif ukoll bhala prokuratrici ta' Emanuele Avallone u Gaetano Avallone li taqra kif isegwi:

1. 'It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghal-diversi ragunijiet partikolarment is-segwenti;

1.2 Preliminarjament, l-esponenti, jecepixxu n-nuqqas ta' integrita' fil-gudizzju billi Mary Gatt mart Mario xebba Avallone, ma gietx citata personalment; l-anqas ma gew citati it-tfal tal-atturi, li ibbenefikaw flokhom, fit-termini tal-Artiklu 626 (1). tal-Kap. 16, fit-testamenti tal-awturi tal-partijiet,

1.3 Dejjem in linja preliminari, l-atturi naqsu li jitolbu ir-revoka tat-testment, jew tal-partijiet oggezzjonabbli ghalihom, ghalkemm fl-ittra ufficjali tas-7 ta' Novembru 2014, Dok H, kif ukoll fil-premessa Nru (6) tar-rikors promotorju iddikjaraw rispettivament li 'jipprocedu ulterjorament ghar-rexissjoni tat-testment billi kien l-effett ta' kaptazzjoni u suggestjoni mhux xierqa', u 'li ghalhekk huma nulli';

2. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, l-atturi ddekadew mid-dritt taghhom ghal-legittma, billi kif dikjarat, ripetutament mit-testaturi kienu hatja ta' mohqrija, krudelta' u ingurja gravi fil-konfront tal-istess testaturi;

2.1 L-esponenti qatt ma kellhom fil-pusess taghhom flus kontanti, u kontijiet bankarji tal-genituri taghhom, ghalhekk it-talba biex dawn jaghtu rendikont, fil-konfront taghhom, hija wahda infondata u insostenibbli.

B' riserva ta' eccezzjonijet ohra u bl-ispejjez kontra l-atturi.

<u>Dikjarazzjoni :</u>

Il-konvenuti jikkonfermaw bil-gurament is-segwenti kif konfermat minn Gaetano Avallone ID Nru: 368254M

1. It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghal-diversi ragunijiet partikolarment is-segwenti;

1.2. Preliminarjament, l-esponenti, jecepixxu n-nuqqas ta’ integrita' fil-gudizzju billi Mary Gatt mart Mario xebba Avallone, ma gietx citata personalment; l-anqas ma gew citati it-tfal tal-atturi, li ibbenefikaw flokhom, fit-termini tal-Artiklu 626 (1). tal-Kap. 16, fit-testamenti tal-awturi tal-partijiet,

1.3 Dejjem in linja preliminari, l-atturi naqsu li jitolbu ir-revoka tat-testment, jew tal-partijiet oggezzjonabbli ghalihom, ghalkemm fl-ittra ufficjali tas-7 ta' Novembru 2014, Dok H, kif ukoll fil-premessa Nru (6) tar-rikors promotorju iddikjaraw rispettivament li ‘jipprocedu ulterjorament ghar-rexissjoni tat-testment billi kien l-effett ta’ kaptazzjoni u suggestjoni mhux xierqa', u 'li ghalhekk huma nulli’;

2. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, l-atturi ddekadew mid-dritt taghhom ghal-legittma, billi kif dikjarat, ripetutament mit-testaturi kienu hatja ta' mohqrija, krudelta' u ingurja gravi fil-konfront tal-istess testaturi;

2.1 L-esponenti qatt ma kellhom fil-pusess taghhom flus kontanti, u kontijiet bankarji tal-genituri taghhom, ghalhekk it-talba biex dawn jaghtu rendikont, fil-konfront taghhom, hija wahda infondata u insostenibbli.

3. Illi l-genituri taghhom Emanuel u Salvina Avallone, hassuhom verament ingurjati kemm bl-ingurji u t-tghajjir ta’ Doris Scerri, kif ukoll bil-malafama u ingurja gravi ta’ Raymond Avallone. Dan kif konfermat mill-fatt li it-testment tal-15 ta’ Settembru 2004, Dok A

gie segwit b'testment iehor, tas-7 ta' Dicembru 2005, Dok B, fejn l-istess disposizzjoni testamentarja, fil-konfront tal-atturi giet konfermata. Emanuel Avallone gie nieqes fit-30 ta' Lulju, 2006.

3.1 L-esponenti qatt ma kellhom fil-pussess taghhom flus kontanti jew kontijiet bankarji tal-genituri taghhom; la meta kienu hajjin it-tnejn, u lanqas wara li miet missierhom, u baqghet hajja ommhom, li giet nieqsa fid-9 ta' Settembru, 2012.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Anna Bianco li taqra kif isegwi:

1. 'Illi fl-ewwel lok teccepixxi n-nebulosita' tal-kawza peress li fil-waqt fil-paragrafu 6 tac-citazzjoni, l-atturi jippremettu li t-testmenti maghmula huma nulli, fl-istess hin xorta qeghdin jippretendu l-parti riservata lilhom u ghalhekk l-esponenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi minghajr ebda pregudizzju l-kawza kellha tkun indirizzata kontra n-Nutar Nicolette Vella kwantu tirrigwarda l-eredita' ta' Salvina Avallone u dan peress li l-imsemmija Nutar hija l-Ezekutrici testamentarja tal-eredita' in kwistjoni u bhala tali l-parti riservata kellha tintalab minghandha, peress li hija l-Ezekutrici li ghandha l-pussess tal-eredita' tal-mejta Salvina Avallone.

3. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, li kif ser jigi pprovat fil-kors tal-kawza, kien hemm ragunijiet bizzejjed fil-ligi biex il-konjugi defunti Avallone jiddezeridaw lill-atturi. Una volta stabbilit dan, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

4. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccipit, fi kwalunkwe kaz, kellha ssir talba ghal-likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-

akkwisti bejn il-konjugi defunti Avallone ghalhekk ma hux possibbli li tkun likwidata l-parti riservata bil-ligi li tal-volta tista' tispetta lill-atturi jekk qatt ghandhom dritt ghaliha.

5. Minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, l-esponenti ma ghandha ebda rendikonti x'taghmel ghaliex ma kinitx amministrattrici tal-beni tal-genituri tal-kontendenti. L-unika rendikont li tista' taghti hu, tal-ispejjes li inkorriet fl-interess tal-genituri taghha, kif ser ikun pruvat fil-kors ta' din il-kawza.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost irid jinghad li ghalkemm l-esponenti irceviet xi flejjes minghand ommha Salvina Avallone, kif iddikjarat l-istess Salvina, kien biss biex l-esponenti tkun remunerata ghas-servigi li kienet qieghda tirrendilha.

7. Illi dwar it-talba ghall-kollazzjoni ta' donazzjonijiet li setghet irceviet l-esponenti, qabel xejn irid jkun provat li tassew saru u jekk jirrizulta li saru, dawn kienu ghas-servigi resi mill-esponenti u di piu' dawn gew ezenti minn kull imputazzjoni u kollazzjoni.

8. Illi biex l-affarijiet ikunu ben kjari, l-atturi qeghdin biss jitolbu l-kollazzjoni ta' donazzjonijiet u ghalhekk mhux inkluzi fiha l-legati imhollija, izda jinghad, li anke kieku stess, dan ma hux il-kaz, peress li l-legat imholli lill-esponenti huwa kjarament wiehed remunitorju u ghalhekk piz fuq l-eredita' u li ma ghandux jifforma parti minn xi kollazzjoni jew imputazzjoni ai fini ta' kalkolu tas-sehem riservat, ossia legittima.

9. Illi l-pretensjonijiet tal-atturi huma ghal kollox infodati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Dikjarazzjoni tal-esponenti Anna Bianco;

Bil-qima tghid u bil-gurament taghha tikkonferma:

1. Illi fl-ewwel lok teccepixxi n-nebulosita' tal-kawza peress li fil-waqt fil-paragrafu 6 tac-citazzjoni, l-atturi jippremettu li t-testmenti maghmula huma nulli, fl-istess hin xorta qeghdin jippretendu l-parti riservata lilhom u ghalhekk l-esponenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gusizzju.

2. Illi minghajr ebda pregudizzju l-kawza kellha tkun indirizzata kontra n-Nutar Nicolette Vella kwantu tirrigwarda l-eredita' ta' Salvina Avallone u dan peress li l-imsemmija Nutar hija l-Ezekutrici testamentarja tal-eredita' in kwistjoni u bhala tali l-parti riservata kellha tintalab minghandha, peress li hija l-Ezekutrici li ghandha l-pussess tal-eredita' tal-mejta Salvina Avallone.

3. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, li kif ser jigi pprovat fil-kors tal-kawza, kien hemm ragunijiet bizzejjed fil-ligi biex il-konjugi defunti Avallone jiddezeridaw lill-atturi. Una volta stabbilit dan, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

4. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-sueccipit, fi kwalunkwe kaz, kellha ssir talba ghal-likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi defunti Avallone ghalhekk ma hux possibbli li tkun likwidata l-parti riservata bil-ligi li tal-volta tista' tispetta lill-atturi jekk qatt ghandhom dritt ghaliha.

5. Minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, l-esponenti ma ghandha ebda rendikonti x'taghmel ghaliex ma kinitx amministrattrici tal-beni tal-genituri tal-kontendenti. L-unika rendikont li tista' taghti hu, tal-ispejjes li inkorriet fl-interess tal-genituri taghha, kif ser ikun pruvat fil-kors ta' din il-kawza.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost irid jinghad li ghalkemm l-esponenti irceviet xi flejjes minghand ommha Salvina Avallone, kif iddikjarat l-istess Salvina, kien biss biex l-esponenti tkun remunerata ghas-servigi li kienet qieghda tirrendilha.

7. Illi dwar it-talba ghall-kollazzjoni ta' donazzjonijiet li setghet irceviet l-esponenti, qabel xejn irid jkun provat li tassew saru u jekk jirrizulta li saru, dawn kienu ghas-servigi resi mill-esponenti u di piu' dawn gew ezenti minn kull imputazzjoni u kollazzjoni.

8. Illi biex l-affarijiet ikunu ben kjari, l-atturi qeghdin biss jitolbu l-kollazzjoni ta' donazzjonijiet u ghalhekk mhux inkluzi fiha l-legati imhollija, izda jinghad, li anke kieku stess, dan ma hux il-kaz, peress li l-legat imholli lill-esponenti huwa kjarament wiehed remunitorju u ghalhekk piz fuq l-eredita' u li ma ghandux jifforma parti minn xi kollazzjoni jew imputazzjoni ai fini ta' kalkolu tas-sehem riservat, ossia legittima.

9. Illi l-pretensjonijiet tal-atturi huma ghal kollox infodati fil-fatt u fid-dritt.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Anthony Avallone li taqra kif isegwi:

'Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom u dan ghar-ragunijiet li jsegwu:-

1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti ghandhom qabel xejn jiddikjaraw x' tip ta' azzjoni qeghdin jinterponu permezz tar-rikors promotur taghhom u dana stante li mill-korp tac-citazzjoni jirrizulta li hemm kumulu ta' azzjonijiet. B'mod partikolari ghandhom jiddikjaraw jekk humiex qed jattakkaw fl-intier taghhom it-testmenti b'nullita` fuq il-bazi tal-kaptazzjoni u suggestjoni jew, invece, u singolarment, id-dispozizzjoni testamentarja relattiva ghad-dizeridazzjoni;

2. Illi fil-mertu, u bla pregudizzju ghall-premess, il-volonta` tat-testaturi, f'dan il-kaz il-genituri tal-partijiet, ghandha tigi rispettata u dan ghar-raguni illi l-istess testaturi, jew min minnhom, kellhom ragunijiet validi sabiex jiddezeridaw lir-rikorrenti, liema ragunijiet gew espressi fit-tesment kif titlob il-ligi;
3. Illi f'kull kaz, jinkombi fuq ir-rikorrenti li jippruvaw illi tali ragunijiet ma kienux legittimi;

4. Illi kwantu ghat-tielet talba tar-rikorrenti, l-esponenti jirrileva illi huwa m'ghandux fil-pussess tieghu oggetti mobbli tat-testaturi u lanqas flejjes kontanti. Huwa nghata biss il-garage numru erbgha u disghin (94) gewwa Isouard Street, il-Marsa b'titolu ta' legat;

5. Illi kwantu ghall-hames (5), sitt (6) u s-seba` (7) talbiet tar-rikorrenti jigi premess illi fejn si tratta l-wirt ta' Salvina

Avallone t-testatrici ezentat lill-werrieta mill-obbligu tal-kollazzjoni bl-ahhar testment taghha tal-24 ta' Ottubru 2011;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'

Rat illi fil-verbal tad-19 ta' Frar, 2015 a fol. 52 tal-process Dr Mark Refalo ddikjara li kien hemm zball billi Mary Gatt riedet titharrek kemm personalment kif ukoll bhala kuratrici ta' Emanuel Avallone u rat li l-Qorti kif diversament preseduta ddekretat billi riferibilment ghall-eccezzjoni mghotija minn Mary Gatt nomine et fis-sens li l-gudizzju mhux integru, il-Qorti tordna li Mary Gatt tigi kjamata in kawza fil-kwalita' personali taghha kif ukoll ghandhom jigu kjamati in kawza t-tfal tal-atturi, u cioe' Sinclair Scerri, Stelvio Scerri, Roann Avallone, Natalie Avallone u Sephora Avallone;

Rat ir-risposta tal-imsejjhin fil-kawza Sinclair Scerri, Stelvio Scerri, Roann Avallone, Natalie Avallone u Sephora Avallone li taqra kif isegwi:

1. 'Illi fl-ewwel lok l-esponenti jirrilevaw li **huma ma humiex werrieta tan-nanniet taghhom** (Emanuel Avallone u Salvina Avallone) billi bit-testment tas-7 ta' Dicembru 2005 kienu inghataw *legato di residuo* fis-sens li gej:

> *settimo (1/7) indiviz iehor lil Roanne, xebba, Natalie, xebba, u Sephora xebba ahwa Avallone, ulied Raymond Avallone, u ir-rimanenti settimu (1/7) indiviz favur Sinclair u Stelvio ahwa Xerri ulied Doris Xerri...*

u dana kif gie dikjarat fit-tielet artikolu tat-testment ta' Emanuel Avallone u fit-tielet artikolu tat-testment ta' Salvina Avallone (tal-5 ta' Dicembru 2005);

2. Illi ghalhekk la darba ma humiex werrieta izda biss legatarji huma ma humiex legittimi kontraditturi u ma ghandhom l-ebda interess fil-gudizzju tal-kawza odjerna;

3. Naturalment huma qeghdin jirrizervaw id-dritt taghhom li jitolbu li jigu imessi fil-pussess ta' dan il-legal kif ghandhom dritt skont il-ligi.

4. Illi ghalhekk huma ma ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dina l-kawza.'

Rat illi fil-verbal tal-25 ta' Gunju, 2015 Profs Ian Refalo ghar-rikorrenti rrinunzja u rtira l-kliem fis-sitt (6) premessa li jibdew minn "u billi" sa "huma nulli", u talab korrezzjoni fis-sens li dawn il-kliem jigu kancellati, rat li Dr Andrew Sciberras ghall-Anthony Avallone wara dak ivverbalizzat minn Profs Ian Refalo rtira l-ewwel eccezzjoni tieghu, rat li Dr Ramon Rossignaud oppona ghat-talba ghall-korrezzjoni billi din tibdel in-natura tal-eccezzjonijiet fit-termini tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, rat li Dr Toni Abela ghall-intimata Anna Bianco rrimettiet ruhha u rat li Profs Refalo fl-istess verbal iddikjara li l-kliem fl-Artikolu 175 "fuq il-mertu tal-kawza" iddahhlu precizament ghaliex il-korrezzjonijiet dejjem ha jincidu fuq eccezzjonijiet ta' natura procedurali u rat id-decizjoni moghtija nhar id-29 ta' Ottubru, 2015 a fol. 67 et seq tal-process fejn il-Qorti laqghet t-talba ghall-korrezzjoni tas-sitt premessa fir-rikors guramentat billi

jigu kancellati l-kliem li jibdew minn "u billi" sa "huma nulli" u tordna l-imsemmija korrezzjoni fl-istess rikors guramentat;

Rat illi fil-verbal tat-28 ta' Gunju, 2015 il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni finali tal-eccezzjonijiet preliminari ssollevati mill-intimati, u cioe' tal-eccezzjoni mfissra fil-punt 1.3 ta' Mary Gatt pro et noe, l-ewwel (1) eccezzjoni Anthony Avellone u tal-ewwel (1) eccezzjoni tal-konvenuta Anna Bianco li jitrattaw il-validita' tar-rikors promotur ghar-ragunijiet hemm dedotti rat it-trattazzjoni finali dwar l-eccezzjonijiet fis-seduta tal-25 ta' Gunju, 2015 a fol. 60 et seq tal-process u rat is-sentenza moghtija nhar id-29 ta' Ottubru, 2015 a fol. 67 et seq tal-process fejn l-eccezzjonijiet gew michuda;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ntavolat nhar l-20 ta' Lulju, 2017 fejn talbet li f'dan l-istadju jinstemghu l-provi biss fir-rigward tal-ewwel erba' talbiet attrici, rat ir-risposta ta' Anna Bianco pprezentata nhar l-10 ta' Awwissu, 2017 a fol. 248 et seq tal-process, rat ir-risposta ta' Anthony Avellone ntavolata nhar l-1 ta' Novembru, 2017 a fol. 254 tal-process, rat ir-risposta ta' Mary Gatt fil-kwalita' personali u bhala prokuratrici ta' Emanuel u Gaetano ahwa Avellone a fol. 256 et seq tal-process u rat id-digriet tal-Qorti kif diversament preseduta datat 8 ta' Jannar, 2018 a fol. 257 et seq tal-process fejn il-Qorti ddisponiet mit-talba tar-rikorrenti billi llimitat l-provi ghall-ewwel zewg talbiet sabiex tinghata sentenza in parte fuq dawn it-talbiet;

Rat ir-rikors ta' Gaetano Avallone u Mary Gatt ipprezentat nhar it-18 ta' Frar, 2021 a fol. 555 fejn talbu lil Qorti tawtorizzhom jaghmlu domandi in kontro-ezami fil-konfront ta' Anna Bianco li jirrigwarda l-mertu kollu tal-affidavit taghha partikolarment dak li

xehdet dwaru minn jeddha fl-ahhar paragrafu ta' pagna 10 sal-paragrafu ta' qabel tal-ahhar ta' pagna 12 fl-affidavit taghha, rat ir-risposta ta' Anna Bianco ntavolata nhar is-26 ta' April, 2021 a fol. 510 tal-process u rat id-digriet tal-Qorti moghti nhar id-29 ta' April, 2021 fejn wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet, tilqa' t-talba limitatament sabiex isiru domandi dwar il-prokura la darba l-istess xhud xehdet dwarha in kontro-ezami fuq domandi tar-rikorrenti u limitatament ghal dak li hija xehdet dwaru fil-paragrafi indikati fir-rikors;

Rat illi fil-verbal datat 9 ta' Frar, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni preliminari bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat l-affidavits, xiehda, testmenti, prokura, ittra ufficjali, ittri legali, okkorrenzi, certifikat, ritratti, dikjarazzjonijiet, kontro-ezamijiet, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Illi d-decizjoni odjerna hija wahda preliminari limitata ghall-ewwel u t-tieni talba li jitolbu dikjarazzjoni minn din il-Qorti li l-mejtin Emanuel u Salvina konjugi Avallone ma kellhomx raguni valida fil-ligi sabiex jiddezeredaw lil uliedhom ir-rikorrenti Doris Scerri u Raymond Avallone, kif ukoll, dikjarazzjoni li r-rikorrenti Scerri u Avallone ghandhom dritt ghas-sehem riservat tal-eredita' skont il-ligi.

Illi l-intimati Mary Gatt et fl-eccezzjoni ndikata bil-punt numru tnejn (2), Anna Bianco fit-tielet eccezzjoni taghha u Anthony Avallone fit-tieni eccezzjoni tieghu lkoll sostnew illi l-volonta' tat-testaturi ghandha tigi rispettata billi kellhom ragunijiet validi fil-ligi sabiex jiddezereditaw lir-rikorrenti b'dan li t-talbiet ghandhom jigu michuda.

**Principji legali:**

Illi dwar l-istitut tad-dizeredazzjoni nghad fid-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-24 ta' Ottubru, 2013 fl-ismijiet **Mackay Caroline sive Carol et -vs- Joseph Aquilina et noe** kkwotata wkoll mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom illi:

> *'L-Artikolu 623 tal-Kap.16 cioe il-Kodici Civili, jaghti ir-ragunijiet illi l-Legislatur Malti jaghraf li jiggustifikaw id-dizeredazzjoni:*
>
> ***623. "Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 630, ir-raġunijiet li għalihom dixxendent jista' jiġi diżeredat huma dawn biss li ġejjin:***
>
> ***(a) jekk id-dixxendent ikun ċahad mingħajr raġuni l-manteniment lit-testatur;***
>
> ***(b) jekk, fil-każ li t-testatur jiġġennen, id-dixxendent jabbandunah mingħajr ma jieħu b'ebda mod ħsieb tiegħu;***
>
> ***(ċ) jekk, fil-każ li d-dixxendent seta' jeħles lit-testatur mill-ħabs, hu naqas mingħajr raġuni tajba li jagħmel dan;***
>
> ***(d) jekk id-dixxendent sawwat it-testatur, jew xort'oħra sar ħati ta' moħqrija lejh;***
>
> ***(e) jekk id-dixxendent kien ħati lejn it-testatur ta' offiża gravi;***

***(f) jekk il-persuna dixxendenti tkun tipprostitwixxi ruħha mingħajr konnivenza tat-testatur;***
***(g) f'kull każ li fih it-testatur, minħabba ż-żwieġ tad-dixxendent, ikun ġie, taħt id-disposizzjonijiet tal-artikoli 27 sa 29, dikjarat ħieles mill-obbligu li jagħti l-manteniment lil dak id-dixxendent"***
*L-azzjoni odjerna hija ntiza sabiex timpunja r-ragunijiet li biha t-testatur Anthony MacKay iggustifika id- dizeredazzjoni t'uliedu l-atturi.*
*Din il-Qorti ezaminat l-insenjament ghaqli moghti fis- sentenza in parte fl-ismijiet "**Dorothy Grech mart Emanuel vs Deborah Fenech De Fremaux**" deciza fit-8 **ta'Frar 2006 per l-Onor Imhallef Dr. J. R. Micallef**.*
***"Illi l-jedd tad-diżeredazzjoni huwa kontrollat mill-awtorita' ġudizzjarja biex jiġi mistħarreġ jekk kemm-il darba r-raġuni msemmija mit-testatur kinitx tiswa jew le. Testatur li jagħmel użu ħażin minn dak il-jedd jitqies bħallikieku ma eżerċitahx[1]. Il-gravita' tar-raġuni li dwarha testatur jista' jiddeżereda werriet għandha tkun tali li mhux kull għamil meqjus bħala offensiv mit-testatur jagħti raġuni għad- diżeredazzjoni[2];***
***Illi d-diżeredazzjoni hija meqjusa bħala ċirkostanza eċċezzjonali li fiha t-testatur ikun jista' jħalli barra mill-wirt tiegħu lil min, mod ieħor, huwa bil-liġi mħolli dak il-jedd. Fi kliem ieħor, f'sistema ġuridiku bħalma huwa dak Malti fejn it-testatur m'huwiex mogħti liberta' sħiħa dwar kif jiddisponi minn ġidu għal wara mewtu, id-diżeredazzjoni hija "rimedju" li jingħata lit testatur dwar persuna li – kieku mhux għal raġuni serja u gravi maħsuba***

[1] App. Civ. 14.11.1938 fil-kawża fl-ismijiet Bartolo et vs Camilleri noe et (Kollez. Vol: XXX.i.240 )
[2] P.A. 20.3.1949 fil-kawża fl-ismijiet Attard Montalto vs Attard Montalto (Kollez. Vol: XXXIII.ii.357 )

*fil-liġi[3]– kien ikollha jedd għal-leġittima. Hija ċirkostanza li tmur kontra r-regola, u għalhekk hija mħarsa b'normi speċjali bil-għan li persuna ma titneħħiex kapriċċjożament mill-jedd li tieħu s-sehem minimu li jmissha skond il-liġi. Fuq kollox, id-diżeredazzjoni hija għamla ta' kastig li t-testatur jista' jimponi minħabba xi għamil jew omissjoni li għaliha jkun jaħti l-werriet. B'differenza miċ-ċirkostanzi fejn persuna ma jkunx jistħoqqilha tiret lit-testatur[4], id-diżeredazzjoni hija sanzjoni li huwa t-testatur innifsu li jagħżel li jimponiha, u hija meqjusa bħala istitut odjuż li jmissu jitneħħa[5] . Kemm hu hekk, fil-bidliet li saru dan l-aħħar fil-liġi tas-Suċċessjoni, id-diżeredazzjoni tal-axxendenti tneħħiet[6], iżda l-leġislatur ma deherlux li huwa l-waqt li titneħħa wkoll dik tad-dixxendenti;*

*Illi l-liġi trid li r-raġuni tad-diżeredazzjoni tissemma espressament fit-testment[7] u l-prova tagħha trid issir mill-persuna li tallegaha[8] . Ir-raġuni li tissemma trid ukoll tkun waħda mir-raġunijiet imsemmijin fil-liġi f'lista li hija tassattiva u ma tippremetix tifsir b'analoġija. It-tifsir tar-raġuni tad-diżeredazzjoni għandu jkun wieħed restrittiv favur il-persuna mneħħija mill-wirt u mhux tifsir kontriha[9]. Iżda fejn ir-raġuni għad-diżeredazzjoni ma tissemmiex jew ma tiġix pruvata, l-persuna li tkun tneħħiet mill-wirt ikollha biss jedd għal-leġittima[10]."*

---

[3] Raġuni serja u gravi biżżejjed li tista' ċċaħħad il-jedd tal-manteniment skond l-artikolu 32 tal-Kap 16

[4] Ara l-art. 605(1) tal-Kap 16

[5] Caruana Galizia Notes on Civil Law – Law on Succession ,paġġ . 1003-4

[6] L-artikolu 624 tal-Kodiċi Ċivili tħassar bl-art. 65 tal-Att XVIII tal-2004

[7] Art. 622 tal-Kap 16

[8] Art. 625(1) tal-Kap 16

[9] P.A. 7.1.1936 fil-kawża fl-ismijiet Bartolo vs Bartolo et (Kollez. Vol: XXIX.ii.880 )

[10] Art. 629 tal-Kap 16

*Illi l-interpretazzjoni tar-ragunijiet ghad-dizeredazzjoni hija restrittiva* ***favur min qieghed jimpunja d-dizeredazzjoni u mhux favur il-volonta' tat-testatur*** *– vide Ibid "****Giovanni Bartolo vs Anthonio Bartolo et.****" u "****Filippa Debono vs Alfred Falzon et****" deciza fit-****30 t'Ottubru 2003*** *per* ***Onor Imhallef Dr. G. Caruana Demajo****.'*

Inghad ukoll fid-decizjoni tas-16 ta' Novembru, 2017 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Mary Pen Schembri et -vs-Dennis Schembri et** illi:

*'****18.*** *Huwa car, li fil-kaz odjern, id-dizeredazzjoni giet fil-fatt dikjarata mit-testatur Joseph Schembri ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fil-Kodici Civili kif jezigi l-artikolu 622 tal-Kodici Civili. Di fatti f'artikolu 2 tat-Testment tieghu ried u ordna li jigu iddizeredati uliedu kollha ghar-ragunijiet indikati fil-paragrafi (d) u (e) tal-artikolu 623 tal-Kodici Civili.*

***19.*** *Izda huwa wkoll daqstant car ghal din il-Qorti, li t-testatur Joseph Schembri, sa fejn jirrigwarda lill-uliedu Atturi, naqas ghal kollox milli jfisser b'mod car fit-testment il-fatti li kellhom jaghtu lok ghad-diseredazzjoni kif espressi fis-sub-incizi (d) u (e) 623 tal-Kodici Civili u kif hekk ukoll jezigi l-artikolu 622 tal-istess Kodici. Tabilhaqq, fit-termini ta' dan l-ahhar artikolu, id-dizeredazzjoni mhux biss kellha tkun dikjarata mit-testatur Joseph Schembri "ghal xi raguni msemmija f'dan il-Kodici" izda l-istess raguni msemmija fl-artikolu 623(d) u (e) sucitat kellha tkun ukoll "****imfissra fit- testment****".*

***20.*** *Fil-kors tas-smiegh tal-kawza, il-Konvenuti provaw jaghtu spjegazzjoni ghalfejn il-mejjet provda ghad-dezeredazzjoni tal-ulied Atturi. Dan jemergi kemm mill-kontro-ezamijiet tal-Atturi u anke mix-xhieda tan-Nutar Ruben Casingena (a` fol 465 ara ukoll nota responsiva ta' sottomissjonijiet fil-punti 19 sa 24 a` fol 913*

*tal-process). In succint, il-Konvenuti provaw jiggustifikaw id-dizeredazzjoni peress li skonthom, l-ulied Atturi fil-kawza, abbandunaw lil missierhom billi qatt ma cemplulu u lanqas marru jarawh minn meta dahal l-isptar sakemm miet.*

**21.** *Din il-Qorti hi tal-fehma soda, li fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 622 tal-Kap. 16, ir-raguni kellha tkun imfissra mit-testatur fit-testment u mhux mill-eredi konvenuti li fit-termini tal-artikolu 625(1) kellhom biss l-obbligu li jsostnuwa u jippruvawha.*

**22.** *Kif gustament sahqet il-**Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Imhallef Harding fis-sentenza Giovanni Bartolo vs Antonio Bartolo et moghtija fis-7 ta' Jannar 1936**, "una volta ma hemmx ebda fatt li jammonta ghal motiv ta' dizeredazzjoni, allura d-dizeredazzjoni ta' l-attur [ommissis] ma hix sostenibili, u l-attur ghandu d-dritt ghal-legittima." (**P.A. Kollez. Vol: XXIX.ii.880**). Ghalhekk, b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament, li l-fatt wahdu li t-testatur jonqos milli jfisser ir-raguni ghad-dizeredazzjoni fit-termini ta' dak li jiddisponi l-artikolu 622 tal-Kodici Civili, dan jammonta ghal nuqqas serju sostantiv li ma jwassalx ghad-dezeredazzjoni kif trid il-ligi taht l-artikli sucitati.*

**23.** *Fir-riward tat-tieni talba Attrici, irid pero' jinghad ukoll, li jekk wiehed kellu joqghod ma' kif testwalment hija imfassla, din id-dikjarazzjoni hija fis-sens li "r-raguni ta' diseredazzjoni ma hijiex gustifikata" ghax ma gietx pruvata mill-Konvenuti eredi a tenur tal-artikolu 625 tal-Kodici Civili (ara nota ta' sottomissjonijiet a fol 899) u mhux ghax it-testatur naqas milli jsemmi r-raguni li ghaliha ddizereda lil uliedu skont kif jesprimi l-artikolu 622 tal-Kap. 16.*

**24.** *Ghalhekk, anke f'dan ir-rigward, fit-termini ta' kif inhi arginata t-tieni talba tal-Atturi, kieku kellha issir indagini dwar jekk ir-raguni ghad-dizeredizzjoni, kif moghtija mill-Konvenuti eredi biex jiggustifikawha, gietx sodisfacentement provata*

*minnhom fit-termini tal-artikolu 625(1), din il-Qorti, minghajr esitazzjoni tikkonkludi li ma kienx hemm ragunijiet gusti.*

**25.** *Kif gie stabbilit mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza* ***Dorothy Grech vs Deborah Fenech De Fremaux*** *datata 8 ta' Frar 2006:-*

> *"... ... l-jedd tad-dizeredazzjoni huwa kontrollat mill-awtorita' gudizzjarja biex jigi mistharreg jekk kemm-il darba r-raguni msemmija mit-testatur kinitx tiswa jew le. Testatur li jaghmel uzu hazin minn dak il-jedd jitqies bhallikieku ma ezercitahx (App. Civ.* ***14.11.1938*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Bartolo et vs Camilleri noe et*** *(Kollez. Vol:**XXX.i.240**). Il-gravita' tar-raguni li dwarha testatur jista' jiddezereda werriet ghandha tkun tali li mhux kull ghamil meqjus bhala offensiv mit-testatur jaghti raguni ghad-dizeredazzjoni (P.A.* ***20.3.1949*** *fil- kawza fl-ismijiet* ***Attard Montalto vs Attard Montalto*** *(Kollez. Vol:**XXXIII.ii.357**);*
>
> *Illi d-dizeredazzjoni hija meqjusa bhala cirkostanza eccezzjonali li fiha t-testatur ikun jista' jhalli barra mill-wirt tieghu lil min, mod ieħor, huwa bil-ligi mholli dak il-jedd. Fi kliem iehor, f'sistema guridiku bhalma huwa dak Malti fejn it-testatur m'huwiex moghti liberta' shiha dwar kif jiddisponi minn gidu ghal wara mewtu, id-dizeredazzjoni hija "rimedju" li jinghata lit-testatur dwar persuna li – kieku mhux ghal raguni serja u gravi mahsuba fil-ligi (Raguni serja u gravi bizzejjed li tista' ccahhad il-jedd tal-manteniment skond l-artikolu 32 tal-Kap 16 ) – kien ikollha jedd għal-legittima. Hija cirkostanza li tmur kontra r-regola, u ghalhekk hija mharsa b'normi speċjali bil-ghan li persuna ma titnehhiex kapriccjozament mill-jedd li tiehu s-sehem minimu li jmissha skond il-ligi. Fuq kollox, id-dizeredazzjoni hija ghamla ta' kastig li t-testatur jista' jimponi minhabba xi ghamil jew omissjoni li ghaliha jkun jahti l-werriet. B'differenza mic-cirkostanzi fejn persuna ma jkunx*

*jisthoqqilha tiret lit-testatur (Ara l-art. 605(1) tal-Kap 16), id-dizeredazzjoni hija sanzjoni li huwa t-testatur innifsu li jagħżel li jimponiha, u hija meqjusa bhala istitut odjuz li jmissu jitnehha (Caruana Galizia Notes on Civil Law – Law on Succession ,pagg. 1003-4). Kemm hu hekk, fil-bidliet li saru dan l-ahhar fil-ligi tas-Successjoni, id-dizeredazzjoni tal-axxendenti tnehhiet (L-artikolu 624 tal-Kodici Civili thassar bl-art. 65 tal-Att XVIII tal-2004), izda l-legislatur ma deherlux li huwa l-waqt li titnehha wkoll dik tad-dixxendenti;*

*<u>Illi l-ligi trid li r-raguni tad-dizeredazzjoni tissemma espressament fit-testment (Art. 622 tal-Kap 16) u l-prova tagħha trid issir mill-persuna li tallegaha (Art. 625(1) tal-Kap 16). Ir-raguni li tissemma trid ukoll tkun wahda mir-ragunijiet imsemmijin fil-ligi f'lista li hija tassattiva u ma tippremetix tifsir b'analogija. It- tifsir tar-raguni tad-dizeredazzjoni ghandu jkun wiehed restrittiv favur il-persuna mnehhija mill-wirt u mhux tifsir kontriha</u> (P.A.* ***7.1.1936*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Bartolo vs Bartolo et*** *(Kollez. Vol:* ***XXIX.ii.880****)). Izda fejn ir-raguni ghad-dizeredazzjoni ma tissemmiex jew ma tigix pruvata, l-persuna li tkun tnehhiet mill-wirt ikollha biss jedd għal-legittima (Art. 629 tal-Kap 16). Dan huwa sewwasew dak li qeghda titlob l-attriċi fl-azzjoni tagħha;" (sottolinear ta' din il-Qorti).*

**26.** *It-tifsira moghtija mill-Konvenuti ghad-dizeredazzjoni taht is-subincizi (d) u (e) tal-artikolu 623 dikjarata mit-testatur hija dik ta' abbandun tad-decuius minn uliedu billi qatt ma cemplulu u lanqas marru jarawh min mindu ddahhal l-isptar sakemm miet, liema fatt ma giex ikkontestat mill-Atturi.*

**27.** *Fir-rigward ta' "mohqrija" u "offiza gravi" fil-konfront tat-testatur ai termini tal-artikolu 623(d) u (e), gie sottomess mill-Imhallef Gouder fis- sentenza* ***Maria Salvina dei Baroni Attard Montalto -vs- Tabib Dr. Angelo dei Baroni Attard Montalto***

*(**Qorti Civili Prim' Awla Kollez. Vol. XXXIII P II p** 357) li "il-kondotta hazina tat-tifel jew dixxendent iehor tista tkun tikkonsisti fl-atti ta' krudelta abitwali jew f'atti tali **li t-tifel jew dixxendent iehor, jaghmel apposta biex jinki, u b'hekk iwegga l-qalb tal-genituri jew axxendenti ohra, jew f'atti li bihom inaqqas l-istima u r-reputazzjoni ta' l-axxendent; imma f'dawn il-kazijiet mhix il-kattiva kondotta li taghti lok ghad-dizeredazzjoni, imma l-mohqrija kontemplata fl-ittra (d) tac-citat art. 660 (illum art. 623) tal-Kodici Civili fl-ewwel kaz, u fit-tieni kaz l-ingurja kontemplata fl-ittra (e) tal-istess artikolu**" (sottolinear u emfazi ta' din il-Qorti).*

***28.** Din il-Qorti ghalhekk, trid tezamina l-motivazzjonijiet tal-Atturi ulied, wara n-nuqqas taghhom li jaghmlu kuntatt ma' missierhom. Hekk tkun tista' tikkonkludi jekk dan l-agir jammontax ghal "mohqrija" u/jew "offiza gravi" fil- konfront tat-testatur fit-termini tal-artikolu 623(d) u (e).*

***29.** Din il-Qorti temmen, bhall-Konvenuti (ara punt 19 tan-nota ta' sottomissjonijiet a` fol 913), li x-xhieda ta' Vincent Schembri hija l-iktar wahda veritiera minn fost l-ahwa ulied id-decuius, fir-rigward ta' jekk kienux konsapevoli li missierhom kien marid gravi l-isptar. Il-Qorti tikkonkludi li l-ahwa kienu jafu li missierhom kien qieghed l-isptar (ara xhieda ta' Connie Ciantar a` fol 731).*

***30.** In-nuqqas minn naha tad-dixxendenti li jzuru lil missierhom meta kienu jafu li qieghed l-isptar, ma tistax titqies bhala kondotta tajba u jekk mhux ukoll censurabbli. Izda minkejja dan, din il-Qorti ma tarax li din il-kondotta hija tali li tista' tissarraf f'"mohqrija" u /jew "offiza gravi" fit-termini ta' dak li jiddisponi tal-artikolu 623(d) u (e) tal-Kodici Civili.*

*31. Fuq stregwa tal-insenjament tas-sentenza appena citata, din il-Qorti hija moralment konvinta, li n-nuqqas tal-ulied li jzuru lil missierhom ma sarx "apposta biex jink[u], u b'hekk iwegg[ghu] l-qalb" tieghu jew biex inaqsulu "l-stima u r-reputazzjoni" izda, kif*

*jistqarr Vincent Schembri fix-xhieda tieghu stess (a` fol 587, 601 u 602), dan kien frott tar-rimors ghal mod kif kien gab ruhu maghhom missierhom (ara affidavits a` fol 85, 96 u 114).'.*

**<u>Kunsiderazzjonijiet:</u>**

Illi din il-kawza nfethet mir-rikorrenti Doris Scerri u Raymond Avallone, wlied Emanuel u Salvina konjugi Avallone li gew nieqsa fit-30 ta' Lulju, 2006 u fid-9 ta' Settembru, 2012 rispettivament, fil-konfront tal-eredi l-ohra skont it-testmenti tad-decujus. Ir-rikorrenti qed jitolbu l-hlas tal-porzjon riservata kwindi izda sabiex dan isir iridu fl-ewwel lok jikkontestaw id-diseredazzjoni taghhom fit-testment *unica charta* tal-mejta genituri taghhom tas-7 ta' Dicembru, 2005 fl-atti tan-Nutar Nicolette Shaw.

Illi fit-testment tas-7 ta' Dicembru, 2005 fl-atti tan-Nutar Nicolette Shaw a fol. 10 et seq tal-process jirrizulta li z-zewg testaturi Emanuel u Salvina konjugi Avallone ddiseredaw lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 623 (d) u (e) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn id-disposizzjonijiet testamentarji jaqraw kif isegwi:

Il-parti tat-testment ta' Emanuel Avallone:

> 'It-Testatur jiddikjara espressament li s-sehem ta' Raymond Avallone qieghed jigi mholli lil uliedu stante li hu ammalafama lill-istess Testatur u sehem Doris Xerri qieghed jigi mholli lill-uliedha Sinclair u Stelvio, stante li hija ghajjret u ingurjat lit-Testatur ukoll u ghalhekk qieghdin jigu dizeredati minhabba s-sezzjoni 623 d u e tal-kodici Civili ta' Malta u cioe' "mohqrija morali gravi u krudelta"'.

Il-parti tat-testment ta' Salvina Avallone:

> 'It-testatrici tiddikjara espressament li s-sehem ta' Raymond Avallone qieghed jigi mholli lil uliedu stante li hu ammalafama lill-istess Testatur u sehem Doris Xerri qieghed jigi mholli lill-uliedha Sinclair u Stelvio, stante li hija ghajjret u ingurjat lit-Testatur ukoll.'

Illi ghalkemm t-testatrici Salvina Avallone ghamlet testmenti addizzjonali ma' dak fuq indikat tas-6 ta' Novembru, 2007 atti Nutar Adriana Vella (fol. 16), 22 ta' Jannar, 2009 atti tan-Nutar Adriana Vella (fol. 18) u 24 ta' Ottubru, 2011 atti tan-Nutar Nicolette Vella (fol. 20), l-klawsola tad-diseredazzjoni tar-rikorrenti fuq indikata baqghet fis-sehh billi ma gietx varjata jew ikkancellata.

Illi l-Artikolu 623 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula r-ragunijiet li ghalihom dixxendent jista' jigi diseredat u fil-kaz odjern it-testaturi elenkaw bhala ragunijiet dawk indikati fl-ittri (d) u (e) illi jaqraw:

> '(d) jekk id-dixxendent sawwat it-testatur, jew xort'ohra sar hati ta' mohqrija lejh;
>
> (e) jekk id-dixxendent kien hati lejn it-testatur ta' offiza gravi;'

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 622 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula li r-raguni msemmija ghandha wkoll tkun wahda imfissra fit-testment:

'622. Barra mir-raġunijiet li għalihom wieħed jista' jsir mhux denn li jiret, il-persuni li skont il-liġi għandhom il-jedd għas-sehem riżervat jistgħu jiġu mċaħħda minnu b'dikjarazzjoni magħmula għaldaqshekk mit-testatur, għal xi raġuni msemmija f'dan il-Kodiċi, u li **tkun imfissra fit-testment**.' (enfazi tal-Qorti)

Illi minn harsa lejn id-disposizzjonijiet testamentarji kkwotati aktar il-quddiem il-Qorti tinnota li t-testaturi ttentaw ifissru r-ragunijiet ghad-diseredazzjoni ghalkemm tali ragunijiet huma skarni mid-dettalji.

Illi mill-provi fl-atti jirrizulta li l-avvenimenti li probabilment taw lok lit-testaturi jiddiseredaw lir-rikorrenti kienu:

(i) fil-kaz ta' Doris Scerri l-kwistjoni li nqalet bejna u bejn ohtha Anna Bianco in konnessjoni ma' ittra anonima ndirizzata lil Joe Scerri (ir-ragel tar-rikorrenti Doris Scerri) kopja ta' liema tinsab esebita a fol. 84 tal-process. F'dan il-kaz ir-rikorrenti Doris Scerri allegat li l-ittra anonima ntbghatet minn ohtha Anna Bianco, filwaqt li Anna Bianco allegat li l-ittra anonima effettivament inbghatet minn Joe Scerri nnifsu. Ir-rikorrenti Doris Scerri ssostni li l-fatt li l-ittra ntbaghtet minn Bianco gie konfermat minn espert forensiku nkarigat mill-Pulizija Ezekuttiva, madanakollu fl-atti ma jirrizultax li ttiehdu passi kriminali fil-konfront ta' Anna Bianco. Din il-kwistjoni tal-ittra anonima hija tirrikorri fid-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu fl-atti u ghalkemm issemmew avvenimenti ohra bhal kaz tas-safar meta kienu sejrin l-Amerika u iehor ta' Ruma, il-Qorti temmen li l-fulkru tal-inkwiet kollu li sussegwentement wassal ghad-diseredazzjoni ta' Scerri kienet l-ittra anonima u dak li sehh konsegwenza taghha. Dan huwa

konfermat mir-rikorrenti nfisha Doris Scerri li fl-affidavit taghha a fol. 81 tal-process tghid illi:

> 'Ma nafx ir-raguni ghala imma nahseb li kien minhabba incident li sehh fis-sena 2003 b'ittra li intbaghat minn xi hadd li uza l-firma t'ommi u li farrak il-familja taghna.'

(ii) fil-kaz ta' Raymond Avallone l-kwistjoni li waslet ghad-diseredazzjoni tieghu hija l-allegazzjoni li huwa mmalafama lil missieru Emanuel Avallone billi qal ma' martu Rose Avallone (mart l-istess Raymond Avallone) li huwa ghamel bhal missieru billi kien qieghed jalludi li missieru kellu relazzjonijiet extra-konjugali ma' nisa ohra.  Mill-atti jirrizulta li t-testatur Emanuel Avallone kien sema' lil Rose Avallone minn wara hajt tghid lill-bintu Mary Gatt li l-istess Raymond Avallone kien qal lilha li ghamel bhal missieru billi kellu relazzjonijiet extra-konjugali. Ir-rikorrenti Raymond Avallone fil-mori tal-kawza jibqa' jinsisti li ma jafx ir-raguni wara d-diseredazzjoni tieghu. In fatti fl-affidavit tieghu a fol. 98 et seq jghid illi:

> 'Jiena ghalhekk ma nafx u ma nistghax nifhem ir-raguni ghal-liema gejt akkuzat li immalafamajt lill-genituri tieghu u ghalhekk maqtugh mill-wirt. Tant kont sorpriz li saqsejt lill-huti l-ohra jekk kenux jafux xi stajt ghamilt u hadd ma kien jaf b'xejn, anzi qaluli li kienu qeghdin jistennew li hija Anthony ikun maqtugh barra u mhux jiena.'

Illi mill-atti l-Qorti rat li dawn ir-ragunijiet ghad-diseredazzjoni taz-zewg rikorrenti gew konfermati mix-xiehda ta' Anthony Avallone (fol. 266), Joe Scerri (fol. 210), Gaetano Avallone (fol. 360), Mary Gatt (fol. 368) u Anna Bianco (fol. 394) liema

verzjonijiet regghu gew ikkonfermati mill-istess xhieda diversi drabi fil-kontro-ezamijiet taghhom. In-Nutar Nicolette Vella (a fol. 206) ukoll ikkonfermat li fil-varji nkontri li kellha mat-testaturi fl-ufficju taghha dawn kienu elenkaw ir-ragunijiet imsemmija ghad-diseredazzjoni. Illi dwar Raymond Avallone l-Qorti izda tirrileva li mill-atti gie ppruvat li kienet mart Raymond Avallone li sostniet li r-rikorrent qal dak il-kliem fil-konfront ta' missieru. Hadd mix-xiehda voluminuzi fl-atti ma kkonferma li xi darba jew f'xi hin sema' lill-istess Raymond Avallone jghid il-kliem allegatament ingurjuz fil-konfront ta' missieru. L-istess Raymond Avallone baqa sal-ahhar tal-process jichad li hu qatt qal dan il-kliem fil-konfront ta' missieru.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi f'dan l-istadju l-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina r-ragunijiet ghat-tnehhija mill-wirt kif suespost fit-termini tal-Artikolu 623 (d) u (e) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>(d) id-dixxendent sawwat it-testatur, jew xort'ohra sar hati ta' mohqrija lejh:</u>

Illi b'mohqrija' ghandu jigi mifhum li hu dak il-komportament uman abbuziv li profondament ikun wegga' lit-testatur matul hajtu mhux biss fizikament izda anke psikologikament b'mod li allura jkun ta' certu gravita' li joppromi lit-testatur sa tali grad li dan jasal sabiex jeskludi lill-wild tieghu milli jiehu mill-gid tieghu wara mewtu[11].

[11] ara Anthony Pace -vs- Frances sive Franca Camilleri et deciza mill-Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Mejju, 2017.

Illi t-testatur Emanuel Avallone fid-disposizzjoni testamentarja tieghu jindika specifikatament it-tip ta' mohqrija bhala '*mohqrija morali gravi u krudelta*'. Mill-provi dokumentarji, kif ukoll mix-xhieda kollha prodotta fl-atti, l-Qorti hi tal-fehma li effettivament m'hemm xejn li jista b'xi mod jikkwalifika bhala 'mohqrija gravi u krudelta'' fl-ghemil tar-rikorrenti Doris Scerri fil-konfront tat-testaturi anzi se mai kienet hi li sofriet l-aktar rizultat ta' din l-ittra ghaliex irceviet l-ittra anonima b'tghajjir vulgari ndirizzata lir-ragel taghha, liema ittra tista' tghid kissret ir-relazzjoni taghha mal-bqija tal-familja. Jirrizulta li l-genituri flok ghadru lil binthom ghal dak li ghaddiet aktar komplew jghaddu s-sitwazzjoni taghha billi daru kontra taghha, zammew ma' ohtha u sahansitra ddikjaraw id-diseredazzjoni taghha, dan flok raw kif ghamlu u zammew il-paci bejn uliedhom.

Il-Qorti tqis l- dwar l-allegazzjoni fuq dak li Raymond Avallone suppost qal fil-konfront tat-testatur missieru u cioe' li din ma tistax titqies li tikkwalifika bhala 'mohqrija u krudelta' fil-grad tant estrem kif tesigi l-ligi. Il-Qorti issostni dan aktar u aktar meta ma jirrizultax sufficjentement pruvat lil din il-Qorti li verament Raymond Avallone qal dan il-kliem fil-konfront ta' missieru. Jirrizulta wkoll li jekk ghall-argument inghad xi haga bejn Raymond Avallone u missieru dan sar sforz tal-fatt li l-missier hadha kontra ibnu ghaliex kellu problemi fiz-zwieg, wara allegat adulterju da parti ta' Raymond Avallone. Dan in-nuqqas ta' qbil bejn il-missier u l-iben dwar materja li kienet affair biss tar-rikorrent, certament ma jwassalx ghal raguni valida ghad-diseredita'.

Il-Qorti rat mill-process li fil-kaz ta' Raymond Avallone ma jirrizultawx avvenimenti ohra li jistghu jigu meqjusa li jinvolvu

mohqrija morali gravi u l-uniku darba li jissemma li t-testatur Emanuel Avallone kellu argument mar-rikorrenti kien meta t-testatur sema' lil Rose Avallone tirrepeti d-diskors li allegatament qal ir-rikorrenti Avallone dwaru. Ix-xhieda partikolarment Mary Gatt jindikaw li dakinhar Emanuel Avallone kien mar ifittex lir-rikorrenti pero' effettivament fl-atti ma hemmx provi jekk hux minnu li Emanuel Avallone mar ghand ir-rikorrenti Raymond Avallone u jekk verament mar x'gara u x'intqal f'dik l-okkazzjoni. Imkien ma jirrizulta li Raymond Avallone kkonferma dak li qalet martu.

Illi fir-rigward ta' Doris Scerri fl-atti jissemma avveniment iehor partikolari f'laqgha li kienet saret ghand Mary Gatt wara l-mewt tat-testatur Emanuel Avallone fejn il-partijiet kienu kollha prezenti. F'dik l-okkazzjoni r-rikorrenti Doris Scerri u l-omm Salvina Avallone kellhom disgwid relatat mal-kwistjoni tal-ittra anonima fejn anke jissemma tisbit ta' siggu minn Doris Scerri u li l-omm gholliet il-bastun (ara fost orhajn fol. 303 tal-process). Il-Qorti tqis li dan l-avveniment sporadiku jrid jittiehed fil-kuntest u fl-isfond tal-ittra anonima fejn bejn ir-rikorrenti Doris Scerri u Anna Bianco kien hemm animosita kbira ghaliex min kitibha qatt ma ammetta li ghamel hekk. In fatti din l-ittra kienet il-kagun tal-glied kollu li nqala' fil-familja u ghalkemm din l-ittra kienet l-fulkrum tal-inkwiet kollu, il-Qorti xorta wahda tqis li salv ghal din il-kwistjoni tal-ittra li ma kinitx tahti ghaliha r-rikorrenti, bejn ir-rikorrenti Doris Scerri u t-testaturi ma sehhewx avveniment tant gravi li jikkwalifikaw ghal mohqrija morali gravi u krudelta'.

Il-Qorti anzi zzid li pjuttost mill-atti jirrizulta li bejn it-testatur Emanuel Avallone u r-rikorrenti Doris Scerri kien hemm rikonciljament ftit qabel il-mewt tieghu meta kien rikoverat l-

isptar. In fatti l-fatt li r-rikorrenti Doris Scerri u t-testatur Emanuel Avallone tkellmu gie kkonfermat minn bosta xhieda nkluz Anna Bianco fis-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2020 a fol. 452 et seq tal-process fejn qalet illi:

> 'Dr M Refalo: Ara nghidlekx sew li fil-fatt missierek irrikonoxxa li ghamel zball meta tela' mieghek u qabel ma miet lil Doris quddiem kulhadd kien qallha li jiddispjacih li kien ghamel?
>
> Xhud: Le ma hu veru xejn. Li ried joqghod bil-qieghda hdejha iva. Qallha, "Ejja hdejja."
>
> Dr M Refalo: Ara skuza ruhu dakinhar maghha.
>
> Xhud: Jien ma smajtux jitlobha skuza. U jekk stess talabha skuza jew talbet skuza ma kien se jigri xejn.
>
> Dr M Refalo: Ma smajt xejn jigifieri?
>
> Xhud: Le. Jien hallejthom liberalment. Jien kont hemm bil-wieqfa u bil-wieqfa ersaqt lil hinn, hallejthom fil-kwiet wehidhom.'

Ir-rikorrenti stess xehdet li dakinhar missierha talabha tahfirlu u dan ikkonfermawh ukoll hutha li kienu prezenti hlief ghall-intimata Anna Bianco li ammettiet li sar kliem bejn ohtha u missier kif suespost izda cahdet li semghet x'intqal.

Illi in vista tas-suespost din il-Qorti hija konvinta li l-ebda wahda mill-avvenimenti elenkati ma jikkwalifikaw f'eventi tant gravi li

jigu meqjusa bhala 'mohqrija' jew 'swat' kif kontemplat fl-Artikolu 623(d) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta anki ghaliex jidher car mill-provi li dawn l-avveniment gew mkabbra b'mod sproporzjonat sforz l-influwenza li wahda jew uhud mill-intimati kellhom fuq il-genituri taghhom a skapitu tar-rikorrenti. Ghalhekk id-diseredazzjoni tar-rikorrenti a bazi tas-suespost mhiex valida fil-ligi.

Il-Qorti ser tghaddi issa sabiex tezamina t-tieni raguni ndikata mit-testaturi Avallone bhala raguni ghad-dizeredazzjoni tar-rikorrenti u cioe' li:

<u>(e) id-dixxendent kien hati lejn it-testatur ta' offiza gravi:</u>

Illi a propozitu ta' offiza gravi gie ritenut illi l-ingurja gravi ma tikkomprendix il-kondotta hazina ta' l-ulied jew axxendenti ohra. Dik il-kondotta hazina, pero', tista' tkun tikkonsisti f'atti ta' krudeltà abitwali, jew f'atti li bihom it-tifel jew dixxendent iehor jaghmel apposta biex jinki u jwegga' l-qalb tal-genitur jew axxendent, jew f'atti li bihom inaqqaslu l-istima u r-reputazzjoni tieghu[12].

Illi t-testaturi fit-testment taghhom tas-7 ta' Dicembru, 2005 fl-atti tan-Nutar Nicolette Shaw jindikaw li r-rikorrenti Raymond Avallone gie diseredat ghaliex immalafama lit-testatur. In fatti Emanuel Avallone jghid '*It-Testatur jiddikjara espressament li s-sehem ta' Raymond Avallone qieghed jigi mholli lil uliedu stante li hu ammalafama lill-istess Testatur …*' filwaqt li t-testatrici Salvina Avallone tghid: '*It-Testatrici tiddikjara espressament li s-sehem ta' Raymond Avallone qieghed jigi mholli lil uliedu stante li hu ammalafama*

[12] Maria Salvini dei Baroni Attard Montalto -vs- Tabib Dr Angelo dei Baroni Attard Montalto deciza fid-29 ta' Marzu, 1949 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

*lill-istess Testatur …'.*

Il-Qorti temmen li din ir-raguni ghad-diseredazzjoni tnisslet b'referenza ghal kaz fejn allegatament ir-rikorrent Raymond Avallone immalafama lil missieru meta alluda li dan kellu wkoll relazzjonijiet extra-konjugali, allegazzjoni li l-Qorti tqis li fl-atti ma gietx sufficjentement pruvata. Irrizulta fil-fatt lill-Qorti li kienet mart Raymond Avallone li allegatament qalet dan il-kliem izda ma tressqux provi li verament Raymond Avallone sostna dan il-kliem hu nnifsu. Il-Qorti tqis li l-minimu li setghu jaghmlu l-intimati sabiex jissostanzjaw l-allegazzjoni fil-konfront tar-rikorrent kien li jtellghu lil Rose Avallone (mart ir-rikorrenti Raymond Avallone) sabiex tikkonferma jekk hux minnu li gara l-akkadut izda ghazlu liberament li dan ma jaghmluhx. Din l-allegazzjoni ghandha wkoll tittiehed b'kawtela kbira ghaliex fiz-zmien li nqalghet din il-kwistjoni jirrizulta li r-rikorrent Raymond Avallone u Rose Avallone kienu ghaddejjin minn process ta' separazzjoni u ghalhekk mhux eskluz li dak li inghad minn Rose Avallone intqalx b'malizja da parti taghha (jekk verament intqal) minghajr bazi ta' verita'. Fil-fatt ir-rikorrenti fl-atti baqa' dejjem jichad li hu qal dan il-kliem ma' martu fil-konfront ta' missieru. inghadx bima ried xejn li l-kwisjoni kienet semplicement pika bejn. Irid jinghad ukoll li lanqas ma gie pruvat li effettivament kien hemm malafama tant li r-reputazzjoni tat-testatur giet imnaqqsa. Huwa evidenti li l-allegata malafama trid tkun ta' certu gravita' u piz biex gudikant ikun jista' jikkategorizzha taht offiza gravi kif tghid il-Ligi. Fil-kaz odjern anke jekk ghal grazzja tal-argument kellu jinghad li huwa minnu li r-rikorrenti Raymond Avallone qal ma martu dak il-kliem, fil-fehma tal-Qorti dan ma jammontax ghal offiza gravi kif tesigi il-Ligi. Fil-fatt anki jekk ghal grazzja tal-argument wiehed kellu jemmen li Raymond

Avallone qal dan il-kliem lil martu, dan sar f'cirkostanzi fejn kien qed jitkellem f'okkazzjoni wahda ma' martu u ma kienx qed ixandar ma' kulhadd. Ghalhekk f'kull kaz anki li kieku kien hemm mill-prova sufficjenti skont il-ligi (li ma hemmx), dan l-avveniment ma jikkwalifikawx ghal offiza tant gravi li tesigi l-ligi sabiex iben jigi dizeredat.

Illi dwar l-agir tar-rikorrenti Doris Scerri l-Qorti tqis li dan kien aktar milli gustifikabbli in vista tal-ittra anonima li hi u zewgha rcevew fid-dar taghhom, ittra li evidentement harget minn id xi hadd li kien jaf ben tajjeb x'gara' fid-dar tal-genituri taghha tant li din intbaghtet bhallikieku kienu l-genituri li qed jiktbuha. Il-Qorti bl-ebda tigbid ta'mmaginazzjoni ma temmen li din l-ittra setghet inkitbet mir-ragel ta' Doris Scerri ghaliex ma tezisti l-ebda motivazzjoni valida sabiex dan jaghmel hekk. Huwa evidenti ghal din il-Qorti li l-ittra harget minn persuna midhla sew tad-dar tal-genituri tal-partijiet u li kienet giet nfurmata bl-avvenimenti li sehhew meta l-konjugi Scerri hadu r-rigal tal-Milied lill-genituri – ghalhekk jew kien xi hadd mill-genituri stess li kitibha jew xi hadd miz-zewg ulied bniet li tkellmet maghhom l-omm cioe' l-intimata Mary Gatt jew l-intimata Anna Bianco. Irrizulta li hadd mill-partijiet ma jwehhel fl-intimata Mary Gatt u stante r-reazzjoni tal-genituri ghall-ittra l-Qorti ma tqisx li huwa verosimili li din inkitbet mill-genituri almenu minghajr intervent ta' xi hadd iehor. Verament din il-kwistjoni twalet u tkabbret tant li kissret ir-relazzjoni bejn l-ahwa u l-genituri izda dan kien rizultat li min kiteb u bghat din l-ittra baqa' ma ammettiex li ghamel hekk u mhux ghaliex Doris Scerri personalment wettqet xi offiza gravi fil-konfront tal-genituri taghha tant li tikkwalifika bhala raguni tajba sabiex tigi diseredata. Anzi jirrizulta lill-Qorti li nonostante l-mod ferm hazin kif kienet qed tigi trattata Doris Scerri, din baqghet

xorta wahda ssegwi sahhet il-genituri taghha tant li gie pruvat li hija kienet tattendi spiss l-isptar sabiex izzur lil missierha allavolja kien ikun hemm min minn hutha li ma jiehux pjacir li jaraha hemmhekk.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tqis li l-ebda wahda mir-ragunijiet ghad-diseredazzjoni ndikati mit-testaturi fit-testment koncernat ma tikkwalifika bhala raguni tajba u siewja skont il-ligi b'dan li ghalhekk tqis li l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-intimata Mary Gatt et ndikata bil-punt numru tnejn (2), l-eccezzjoni ta' Anna Bianco indikata fil-punt numru tlieta (3) u l-eccezzjoni ta' Anthony Avallone ndikata fil-punt numru tnejn (2), tghaddi sabiex tilqa' l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li Salvina u Emanuel konjugi Avallone ma kellhomx raguni valida fil-ligi sabiex jiddizeredaw lir-rikorrenti tfal taghhom ir-rikorrenti Doris Scerri u Raymond Avallone;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara ghalhekk li r-rikorrenti Doris Scerri u Raymond Avallone ghandhom dritt ghas-sehem riservat tal-eredità skond il-ligi.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza jigu decizi mas-sentenza finali.

Tordna l-kontinwazzjoni tas-smiegh tal-kawza fil-mertu.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Ottubru, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Ottubru, 2022**